# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM’AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Illum is-27 t’Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 784/2010 SM**

**Gial Carni Limited**
**(C – 36433)**

**vs.**

***AMC Marketing Limited***
**(C- 18702)**

**u**

***BBQ Centre Limited***
**(C – 26532)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-3 t’Awwissu, 2010, li permezz tieghu, s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet *AMC Marketing Limited* vs. *BBQ Centre Limited*, datata l-25 ta' Frar, 2010, (ara foll 6 u 31), is-socjeta` hemm intimata giet ikkundannata thallas is-somma ta' tnax- il elf, sitt mija u sittax- il euro u sitta u erbghin centezmu, (€12,616.46), bl-imghax kif definit fl-artiklu 26A tal-Kapitlu 13 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mis-27 t'Ottubru, 2007, oltre l-ispejjez;

1.2. Illi pendenti l-procedura indikata fil-paragrafu precedenti s-socjeta` hemm rikorrenti otteniet mandat ta' qbid numru 273/2008 kontra s-socjeta` hawn ko-intimata maghha, (ara foll 18);

1.3. Illi skont ir-riferta tal-marixxall li ezegwixxa l-istess mandat indikat fil-paragrafu precedenti datata l-20 ta' Novembru, 2008, inqabdu l-oggetti hemm elenkati, (ara foll 19 u 20);

1.4. Illi permezz tar-rikors datat l-10 ta' Mejju, 2010, l-istess socjeta` *AMC Marketing Limited*, hawn intimata, talbet il-bejgh tal-oggetti maqbuda bis-subbasta skont il-ligi, (ara foll 26);

1.5. Illi din it-talba ghall-bejgh bis-subbasta fuq indikata giet debitament akkordata u l-bejgh bl-irkant kien appuntat fit-termini tad-digriet in dizamina, (ara foll 62 u mhux id-Dokument GCL3 kif indikata mis-socjeta` rikorrenti (ara foll 2));

1.6. Illi *ai termini* tal-kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Fleri Soler datat il-21 ta' Dicembru, 2006, (mhux kif indikat mill-istess socjeta` rikorrenti), l-oggenti in dizamina huma proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 68);

1.7. Illi l-istess socjeta` rikorrenti kienet akkwistat il-makkinarju *de quo*, (ara foll 74);

1.8. Illi *nonostante* dan l-istat ta' fatt ingieb a konjizzjoni tas-socjeta` hawn intimata *AMC Marketing Limited*, din xorta ghaddiet ghall-esekuzzjoni tas-subbasta fuq riferita;

1.9. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex s-socjetajiet l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` rikorrenti hi proprjetarja tal-makkinarju fuq riferit;

1.9.2. Tirrevoka l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid numru 273/2008 *stante* li l-makkinarju *de quo* hu proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti;

1.9.3. Thassar l-atti tas-subbasta numru 25/2010, fl-ismijiet *AMC Marketing Limited* vs. *BBQ Centre Limited*;

1.9.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-2 ta' Settembru, 2010, li permezz taghha s-socjeta` *AMC Marketing Limited*, tramite r-rapprezentant taghha hemm indikat, issottomettiet sintetikament is-segwenti: (ara foll 79);

2.1. Illi m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2.2. Illi fil-mertu t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati ghar-ragunijiet segwenti:

2.2.1. Illi tinsab sorpriza li wara li l-oggetti in dizamina ilhom maqbuda sentejn (2), kien issa li s-socjeta` rikorrenti intavolat il-proceduri odjerni;

2.2.2. Illi l-procedura odjerna hi biss messa in xena biex is-socjeta` hawn intimata tibqa` ma tithallasx dak lilha dovut mis-socjeta` ko-intimata l-ohra;

2.2.3. Illi l-fondi elevati huma soggetti ghall-mandat 273/08 u ghall-bejgh bl-irkant numru 25/10, elevati minn fond operat mis-socjeta` ko-intimata;

2.2.4. Illi mid-dokumenti pprezentati *in atti* ma jirrizultax li l-oggetti in dizamina huma tas-socjeta` rikorrenti;

2.2.5. Illi skont il-klawsola 1(b) tal-kuntratt fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt sitta, (1.6.), aktar qabel), parti mis-somma hemm indikata kellha tmur biex jithallsu l-kredituri, fosthom allura s-socjeta` hawn intimata, (ara foll 69);

2.2.6. Illi s-socjeta` hawn intimata qatt ma thallset l-ammont lilha dovut mis-socjeta` ko-intimata;

2.2.7. Illi s-socjeta` hawn intimata ilha tivvanta l-pretensjonijiet taghha fil-konfront tas-socjeta` ko-intimata, (ara foll 82 u 83);

2.2.8. Illi d-dokument a foll 74 hu ferm dubjuz u ma jikkostitwix prova ta' dak minnu vantat, (ara foll 74);

2.2.9. Illi ghalhekk hu manifestament car li l-procedura odjerna hi intiza biex jigi evitat il-hlas dovut lis-socjeta` intimata *AMC Marketing Limited*;

2.2.10. Illi ghalhekk, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;

2.2.11. Salv risposti ulterjuri;

3.0. Rat in-nota datata s-7 t'April, 2011, li permezz taghha is-socjeta` intimata *BBQ Centre Limited* iddikjarat is-segwenti: (ara foll 89)

3.1. Illi qed taghti ruhha b'notifikata bl-atti kollha tal-kawza, inkluz l-avviz ghas-smigh tal-istess;

3.2. Illi rrimettiet ruhha ghall-gudizzju tal-qorti;

4. Rat id-digriet taghha datat iz-19 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 203), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 204, 205, 208, 209 u 210);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti *Gial Carni Limited*, datata t-2 ta' Gunju, 2016, (ara foll 211), flimkien ma

dik tas-socjeta` intimata *AMC Marketing Limited* datata l-20 ta' Lulju, 2016, (ara foll 217);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in* atti;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod-segwenti:

8.1. Illi in segwitu ghall-sentenza fl-ismijiet ***AMC Marketing Limited vs. BBQ Centre Limited*** datata l-***25 ta' Frar, 2010***, (ara foll 6), is-socjeta` hemm intimata kienet ikkundannata thallas is-somma ta' tnax- il elf, sitt mija u sittax- il euro u sittax- il centezmu, (€12,616.16), lis-socjeta` hemm rikorrenti, (ara foll 16);

8.2. Illi sussegwentement is-socjeta` *AMC Marketing Limited* talbet u otteniet il-hrug ta' mandat ta' qbid bin-numru 273/2008, (ara foll 18), kontra s-socjeta` *BBQ Centre Limited*;

8.3. Illi permezz tal-istess mandat indikat fil-paragrafu precedenti inqabdu l-makkinarju indikati fir-riferta tal-marixxall esekutant, (ara foll 19);

8.4. Illi sussegwentement, rinforzata bis-sentenza u bil-mandat fuq indikati, l-istess socjeta` *AMC Marketing Limited* giet awtorizzata tbiegh l-istess oggetti hekk maqbuda tramite l-procedura ta' subbasta skont il-ligi, (ara foll 52);

8.5. Illi min-naha taghha s-socjeta` rikorrenti f'din il-procedura ssottomettiet sintetikament is-segwenti:

8.5.1. Illi l-oggetti hekk maqbuda huma in effetti proprjeta` taghha;

8.5.2. Illi tali affermazzjoni hi bbazata fuq l-allegazzjoni taghha li akkwistat l-istess minghand is-socjeta` intimata *BBQ Centre Limited*;

8.5.3. Illi ghalhekk, permezz tal-procedura odjerna qed titlob ir-revoka tal-mandat *de quo* fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel u foll 18);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intimata *AMC Marketing Limited* fis-sens li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti *Gial Carni Limited*, jinghad sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi f'dan ir-rigward il-***Qorti tal-Appell Inferjuri***, fis-sentenza taghha fl-ismijiet l-***Avukat Antoine Naudi nomine vs. John Abela Limited***, datata t-***2 t'Ottubru, 2009***, tistabbilixxi s-segwenti:

> "Jibda biex jigi kkummentat in linea preliminari illi biex soggett imharrek jew imsejjah fil-gudizzju jitqies li hu legittimu kontradittur, l-ezercizzju fuq daqshekk jinneccesita accertament fuq il-bazi tal-*petitum*, ossija rrizultat persegwit fil-gudizzju mill-attur. In partikolari, il-principju jinvolvi l-ezami tar-rapport guridiku dedott f'dan il-gudizzju";

9.2. Illi fid-dawl tal-insenjament fuq riprodott, ir-rizultanzi *in atti* jistabbilixxu s-segwenti:

9.2.1. Illi s-socjeta` *AMC Marketing Limited* legittimament ottjeniet il-mandat ta' qbid *de quo* u s-segwenti awtorizzazzjoni biex tbiegh l-oggetti hemm maqbuda permezz tal-procedura bis-subbasta;

9.2.2. Illi in vista tal-istess jezisti ness guridiku bejn l-istess socjeta` *AMC Marketing Limited* u s-socjeta` rikorrenti li jrid jigi necessarjament deciz bil-procedura hawn in dizamina;

9.2.3. Illi stabbilit dan in-ness, allura hu pacifiku li s-socjeta` *AMC Marketing Limited* hi effettivament il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

9.2.4. Illi konsegwentement din l-eccezzjoni preliminari hekk sollevata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

10. Illi skont il-kuntratt datat il-21 ta' Dicembru, 2006, *in atti* tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti xtrat l-oggetti elenkati fil-lista ta' dokumenti annessa mal-istess kuntratt, (ara foll 71), liema oggetti elenkati fil-mandat ta' qbid in dizamina jirrizultaw inkluzi fl-istess lista *de quo*;

11. Illi pero`, *ai termini* tal-klawsola numru tnejn (2) tal-istess kuntratt riferit fil-paragrafu precedenti, t-titolu ta' proprjeta` u pussess tal-oggetti hemm elenkati ma jghaddux fil-pussess tas-socjeta` rikorrenti qabel l-ammont hemm indikat ma jithallasx fl-interezza tieghu lis-socjeta` *BBQ Centre Limited* skont it-termini hemm indikati, (ara foll 69);

12. Illi *di piu`*, skont id-deposizzjoni guramentata tal-istess nutar fuq riferit li hejja l-kuntratt in dizamina, dan jistqarr li ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma jekk il-pagament dovut ghall-istess indikat fil-paragrafu precedenti kienx gie effettwat mis-socjeta` rikorrenti biex b'hekk tali oggetti jsiru taghha;

13. Illi l-istess posizzjoni indikata fil-paragrafu precedenti tirrizulta wkoll mix-xhieda tal-awditur tal-istess socjeta` rikorrenti, (ara foll 142);

14. Illi fir-rigward tal-fattura rilaxxata mis-socjeta` intimata *BBQ Centre Limited* favur is-socjeta` rikorrenti ghall-ammont dovut fost l-ohrajn anke ghall-istess makkinarju in dizamina, jinghad sintetikament li fattura wahidha ma tikkostitwix prova ta' hlas izda tammonta biss bhala prova li l-hlas in kwistjoni hu mitlub, (ara foll 74);

15. Illi b'referenza ghac-cekkijietipprezentati *in atti* mill-istess awditur tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 162), l-ammonti hemm rizultanti ma jikkorrispondux mall-ammonti mifthema bejn is-socjeta` rikorrenti u dik intimata *BBQ Centre Limited* kif stipulati fl-imsemmi kuntratt, (ara foll 69);

16. Illi *di piu`*, l-istess cekkijiet ma jaghtu l-ebda indikazzjoni ghar-raguni ghaliex kien qed jigi effettwat pagament permezz taghhom, (ara foll 162);

Ikkunsidrat:

17. Illi skont ix-xhieda tal-*general manager tas-socjeta` de quo* datata d-29 ta' Novembru, 2012, (ara foll 165), kien dan l-istess *general manager* li informa lill-marixxall esekutant li l-makkinarju kolpit bil-mandat ta' qbid in dizamina kien proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti;

18. Illi *di piu`*, minkejja li l-fond minn fejn kienu maqbuda l-makkinarju in dizamina kien mikri lis-socjeta` intimata *BBQ Centre Limited* fiz-zmien li gew hekk maqbuda, l-istess *BBQ Centre Limited* ma kienitx qed topera mill-imsemmi fond, (ara foll 129 u 140);

19. Illi l-istess fatt indikat fil-paragrafu precedenti mill-ahwa Albert u Silvio Camilleri, kien ukoll ikkonfermat minn Isabelle Farrugia, impjegata mas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 128);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi in vista tas-suespost u tal-provi prodotti fir-rigward jirrizulta sintetikament is-segwenti:

20.1. Illi s-socjeta` rikorrenti effettivament kellha l-pussess tal-makkinarju kolpit bil-mandat ta' qbid in dizamina;

20.2. Illi l-istess socjeta` rikorrenti kienet qed tikri l-fond fejn dan il-makkinarju kien jinsab;

21. Illi *nonostante* dak indikat fil-paragrafu precedenti l-kundizzjoni stipulata fil-klawsola numru tnejn (2) tal-kuntratt in dizamina fuq

riferita, (ara paragrafu ghaxra, (10.), aktar qabel u foll 69), ma tirrizultax li kienet debitament sodisfatta;

22. Illi konsegwentement, *stante* li din il-klawsola numru tnejn (2) ma kienitx sodisfatta, ghandu allura jkun pacifiku li l-proprjeta` tal-makkinarju in dizamina m'ghaddietx f'idejn is-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

23. Illi fid-dawl tar-rizultanzi suesposti ssir referenza ghas-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili***, fl-ismijiet ***Nicholas Fenech vs. Wilfred Cardona***, datata t-***13 t'Ottubru, 2014***, li tirreferi ghas-sentenza tal-istess ***Qorti*** fl-ismijiet ***A. Abela nomine vs. M. Attard et*** deciza fit-***12 ta' Frar, 1957***, ***Vol. XLI. II. 896***, li tghid:

> "Illi fil-vendita bil-patt tar-rizerva tad-dominju, l-istess patt jattribwixxi lill-venditur il-fakolta` li jirrtarda t-trasmissjoni tal-proprjeta` tal-haga mibjugha sal-mument meta javvera ruhu fatt, jew jghaddi certu zmien; u malli dak il-fatt jew zmien jivverifika ruhu, ma jkunx hemm bzonn ta' manifestazzjoni ohra gdida tal-volonta`, jew xi attivita` ohra mill-parti tal-kontraenti jew xi haddiehor, sabiex tavvera ruhha t-trasmissjoni tal-proprjeta`. Minn dan jitnissel li sakemm ma javverax ruhu l-fatt kontemplat, jew jghaddi z-zmien stabbilit, il-venditur jibqa` l-proprjetarju tal-haga li tkun .... (l-)oggett tal-kuntrattazzjoni tal-bejgh bil-patt fuq imsemmi";

Ikkunsidrat:

24. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta pacifiku li fil-kuntratt tal-21 ta' Dicembru, 2006, (ara foll 68), hemm kondizzjoni espressa, (ara foll 69), li l-makkinarju in dizamina jibqa` l-proprjeta` tas-socjeta` venditrici, (dik intimata *BBQ Centre Limited*), sakemm jithallas il-prezz kollu pattwit, (ara klawsola numru tnejn (2) tal-istess kuntratt);

Ikkunsidrat:

25.0. Illi ghalhekk jirrizulta sintetikament is-segwenti:

25.1. Illi l-oggetti mobbli, (makkinarju), li fuqhom gie ezegwit il-mandat ta' qbid in dizamina, (ara foll 19 u 20), ma jirrizultawx li huma proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti, izda ghadhom proprjeta` tas-socjeta` intimata *BBQ Centre Limited*;

25.2. Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` rikorrenti m'ghandha l-ebda ness legali mal-istess oggetti in meritu;

25.3. Illi ghalhekk, is-socjeta` rikorrenti ma ghandha l-ebda interess guridiku fuq l-oggetti in meritu, li allura, ma jirrizultax li hemm oggetti li jridu jigu liberati mill-effetti tal-mandat ta' qbid *de quo*;

Ikkunsidrat:

26.0. Illi in vista tal-premess, filwaqt li tiddikjara li:

**DECIDE:**

26.1. Is-socjeta` intimata *BBQ Centre Limited* hi fi stat ta' kontumacja li izda pprezentat is-sottomissjonijiet taghha fir-rigward, (ara foll 89);

26.2. Is-socjeta` rikorrenti ma rnexxiliex tipprova t-talbiet taghha skont il-ligi;

26.3. Is-socjeta` intimata *AMC Marketing Limited* ma rnexxiliex tipprova l-eccezzjoni preliminari taghha li ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti, u konsegwentement tirrespingi l-istess eccezzjoni preliminari bl-ispejjez relattivi kontra l-istess socjeta` intimata *AMC Marketing Limited*;

26.4. Takkolji r-risposti rimanenti tal-istess socjeta` intimata *AMC Marketing Limited*;

26.5. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti *Gial Carni Limited*;

26.6. Bl-ispejjez rimanenti kontra l-imsemmija socjeta` rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**